MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 443/2012

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Micellef)
vs
**Dominic Micallef**
iben Domenic, imwieled Pieta', fl-24 ta' Frar, 1981,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 140181(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Dominic Micellef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa gie akkuzat talli ghan-nom u in rappresentanza ta' DJRL Limited u/jew bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998 ) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas 1i jikkonoforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 7 ta' Ottubru 2010, u moghtija fil-konfront tieghu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi

u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' €15 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien u ghalhekk il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi imputat jigi ikkudannat li jhallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perjodu li jibda mit-8 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Settembru 2011, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat
l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu jhallas is-somma ta' €3990 rappresentanti il-multa ghall-perijodu ta' bejn it-8 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Settembru 2011.

Rat ir-rikors tal-appellant Dominic Micellef tat-8 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi hu ghandu jinstab hati li baqa' ma kkonformax ruhu mas-sentenza biss ghall-perijodu qasir bejn it-8 ta' Jannar 2011 sal-24 ta' Jannar 2011 (emissjoni tal-email tal-accettazzjoni tat-talba ghall-kumpensazzjoni da parte tar-rappresentant tad-dipartiment tal- VAT) u cioe' ghall-sittax-i1 gurnata biss u kwindi ghas-somma ta' €240 u ghaldaqstant li minflok ma jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' €3990 jigi ikkundannat ihallas biss is-somma hawn indikata ta' €240 u b'hekk ghalhekk jigi liberat milli jhallas il-bilanc ta' €3750.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li ghalkemm irrizulta, fil-kors tal-gbir tal-provi, illi l-appellant talab illi ssir kompensazzjoni ma' ammont dovut mill-istess dipartiment lill-socjeta' li maghha l-akkuzat huwa assocjat, u avolja l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud accetta li ssir tali kompensazzjoni, huwa (ossija il-Kummissarju) dam ma attwa l-imsemmija kompensazzjoni u b'rizultat ta' dan id-dewmien l-appellant spicca biex gie pregudikat.

Illi irrizulta illi l-appellanti, fis-6 ta' Settembru 2010, talab lill-istess Kummissarju illi ssir l-imsemmija kompensazzjoni. Illi stante li kienu ghaddew 'l fuq minn tlett xhur minn tali talba, fl-10 ta' Jannar 2011 is-segretarja tal-appellant baghtet email lil Adrian Pisani, addett mad-Dipartiment tal- Taxxa tal-Valur Mizjud biex issaqsih f'hiex kienet waslet it-talba tieghu. U l-istess Adrian Pisani irrispondiha fit-13 ta' Jannar 2011 illi "the file has been sent for approval". Fil-20 ta' l-istess xahar, l-istess segretarja baghtet pro memorja lill-istess Pisani u dan, wara li ghamel il-verifiki tieghu, fl-24 ta' Jannar 2011 irrispondiha "the file has been approved".

Mela in kwantu jirrigwarda l-appellant, ghalih il-problema kienet maghluqa fl-24 ta' Jannar 2011 billi gie infurmat illi l-kompensazzjoni kienet giet approvata.

L-approvazzjoni li ghamel id-dipartiment ma kienetx wahda kondizzjonata xejn - anzi, bil-maqlub kien hemm accettazzjoni totali u assoluta li l-istess kompensazzjoni kienet giet accettata ghal mija fil-mija mill-istess dipartiment. Kwindi ghall-appellant, kif kien ikun ghal kwalsiasi persuna ohra fit-triq, bejnu u d-dipartiment kien pacifiku li dak li kellha thallas is-socjeta' kien pjenament soddisfatt, billi saret l-imsemmija tpacija.

L-imsemmi dipartiment dam aktar minn ghaxar xhur biex jimplimenta l-imsemmija kompensazzjoni bir-rizultat illi allura l-multa nflitta kontra l-appellant baqghet ghaddejja kontra tieghu. L-agir tad-dipartiment, jew ahjar in-nuqqas ta' agir da parte tad-dipartiment, bir-rispett kollu, ma jistax jigi accettat u per di piu' jintuza kontra ic-cittadin. La darba l-impjegat, li kellu d-dritt li jorbot lid-dipartiment, rabtu u accetta li jkun hemm il-kumpensazzjoni, bla ebda riserva ta' xejn u jew imqar li tpoggiet xi kondizzjoni, allura b'effett mid-data tal-emissjoni tal-istess email, dak l-ammont kellu jigi kkonsidrat bhala mhallas lid-dipartiment.

Isegwi ghalhekk illi il-multa ta' €15 kull jum kellha tieqaf fl-24 ta' Jannar 2011 u mhux, kif irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti baqghet tiddekorri sal-30 ta' Settembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi deher fil-mori ta’ dan l-appell rappresentant tad-Dipartiment tal-VAT li nforma l-Qorti li permezz ta’ l-Att numru XIV tas-sena 2013 persuna li tipprezenta r-return m’ghadix soggetta ghall-multa ‘per diem’. Minbarra dan, il-Qorti giet infurmata li l-appellant Dominic Micallef kien ipprezenta d-denunzji kollha sal-11 ta’ Awwissu, 2010.

Illi konsegwenza ta’ dan l-Att tal-Parlament hawn fuq imsemmi johrog car li l-appellant ma ghandu jhallas ebda penali lid-Dipartiment tal-VAT.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa’ l-appell, mhux biss tirriforma s-sentenza appellata, kif din il-Qorti giet mitluba taghmel, izda thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------